MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Numru. 497/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar u Spettur Therese Sciberras)**

**versus**

**Ashraf Kalifa Egmati**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ashraf Kalifa Egmati ta' 26 sena iben Kalifa u Ragga nee Ali Nagah imwieled fl-ewwel ta' Ġunju 1979 fil-Libja li joqgħod fil-fond Katrina Court Flat 10A Triq il-Ħġejjeġ Buġibba u detentur tal-karta ta' l-identat' bin-numru 611533

(a) Akkużat talli fit-3 ta' Ġunju 2005 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija ġewwa Buġibba dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jpoġġi l-ħajja ta' Hasan Khalifa Germag f'perikolu ċar wera dan il-ħsieb b'atti estrni u ta bidu għall-

esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqiet bi strument li jaqta' u bil-ponta fuq il-persuna ta' l-imsemmi Hsan Khalifa Germag liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

(b) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Hasan Kahlifa Germag, hekk kif iċċertifikat Dr. L. Pullicino M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

(ċ) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ifl-ħin li kien qed jagħmel id-delitt konta l-persuna kkellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-fedina penali ta' l-imputat, l-esibiti ppreżentati fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2005 li kienu allegatament affarijeit li kien liebes l-imputat (beritta, flokk u qlaziet RC2, RC3 u RC 4), it-tweġiba ta' l-imputat li mhux ħati ta' l-imputazzjonjiet dedotti kontrih, il-proċes verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Miriam Hayman intitolat 'Fermient ta' persuna Libjana waqt argument li seħħ f'Katrina Court li jinsab fi Triq il-Għejjeħ, san Pawl il-Baħar fit-3 ta' Ġunju 2005, ir-relazzjoni ta' PS 964 Robert Scicluna, tal-Perit Richard Aquilina, PS 602 Jonathan Attard, u s-sur Robert Cardona – kollha esperti maħtura waqt l-inkjesta u kollha kkonfermati mill-Qorti fl-14 t'Ottubru 2005, kif ukoll l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, ir-risposta ta' l-imputat li ma kellu ebda oġġezzjoni li din il-kawża tinstema' minn dina l-Qorti, liema kunsens huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed beix jaħsibha;

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur.

**Ikkonsidrat**

5. Nhar it-3 ta’ Ġunju 2005 il-Pulizija marru fi Triq il-Ħġejjeġ fejn kien hemm ġlieda bejn persuni ta’ nazzjonalita’ barranija. Hasan Khalifa Germag kien mimli demm u kien qed iżomm il-parti tax-xellug t’għonqu. Hasan kien rilaxxjat mill-isptar wara li kien hemm intervent mediku. Il-vittma nforma lill-Pulizija li l-impjutat kien tela’ jiġri t-taraġ tal-flett u ftit sekondi wara reġa’ niżel u tlab lill-vittma jaħgtih tletin lira Maltija. Il-vittma ma tahomlux, ħareġ crafts blade u xejjer daqqa f’għonq il-vittma. Mohammed Salem ta l-istess verżjoni – jiġifieri li l-imputat tela’ fuq, ġab ix-xafra u mumenti wara dan ix-xhud qal li ra lill-vittma jżomm għonqu.

**L-Istqarrija ta’ l-imputat**

6. Fl-4 ta’ Ġunju 2005 l-imputat qal lill-Pulizija li huwa (l-imputat) kien talab lill-vittma jagħtih lura tletin lira Maltija li kien sellef lill-vittma. Meta ra li l-vittma ma tahx il-flus lura, l-imputat tela’ t-taraġ qabel Hasan u Mohammed, qabad xafra mill-kexxun tal-kċina u niżel jiltaqa’ ma Hasan fit-taraġ. Reġa’ talab il-flus lill-vittma li qabad id l-imputat waqat li Mohammed, li kien ħdejn il-vittma, qala’ ċ-ċintorin u xejjer daqqa li biha laqat lill-imputat f’daharu. Hasan tah daqqa ta’ ponn f’wiċċu u qabad injama li kienet fil-fit-taraġ tal-flett. L-imputat laqa’ b’diu tax-xellug u bl-id l-oħra xejjer bix-xafra. Imbagħad l-imputat rema x-xafra. Fl-istess stqarrija, l-imputat tenna (fol.16)

*‘Meta ġejt mix-xogħol tlajt għaliha u nżilt għal Hasan.’*

*‘Meta aħna wasalna fil-flett kellna xi ngħidu isfel. Jien tlajt fuq niġri, qbadt ix-xafra u erġajt inżilt biex niġġieled magħhom. Jiena għamilt hekk għax bżjat minnhom.*

*‘Jiena ġibt ix-xafra għaliex huma kienu tnejn u jien kont waħdi.’*

*‘Jien xejjirtlu ġo wiċċu biex inbeżżgħu.’*

7. L-imputat qal li ma kienx weġġa’ bl-injama għax kien leqa’ b’idu. Huwa qal ukoll li kien tela’ għax-xafra għax kellu n-nervi għax ried il-flus.

Fl-aħħarnett huwa qal:

*‘Jekk ma kienx xe jagħtihomli u kien se jweġġagħni kont ser inweġġgħu biex neħodhom.’*

**Aktar xhieda tal-Prosekuzzjoni**

8. Il-vittma **Hasan Khalifa Germag** qal li l-imputat kien daħal qabilhom fid-direzzjoni tal-flett tiegħu. Imbagħad kien l-imputat kien waqqaf lill-allegat vittma, ħareġ mus u ta daqqa bih lill-vittma. Il-ferita saret taħt il-widna x-xellugija tal-vittma (fol. 19) Huwa qal li qabel daħlu fil-flett ma kien ġara xejn. Kien hemm xi kliem imma kollox kien normali. Ix-xhud għaraf l-esibiti bħala dawk li kien liebes l-imputat. Fil-kontro-eżami x-xhud ċaħda li kien irċieva xi flus minn għand l-imputat (fol. 26). Qal ukoll li ma kellux ċintorin fil-qalziet (fol. 34) u ma kienx jaf kellux xi ċintorin Mohammed. Malli daħal fil-flett ix-xhud ra lill-imputat nieżel. Saqsieh fejn kienu l-flus u tah mal-ewwel. Dan kollu sar wara li kienu qabżu l-ewwel sular. Il-flett tagħhom kien fit-tielet sular. Ix-xhud kien ipprova jiddefendi ruħu iżda ma rnexxilux. (fol. 36). Huwa nnega li Mohammed kien miss lill-imputat u stqarr li hu (ix-xhud) la kellu ċintorin u lanqas xi biċċa njama f’idejh.

9. **Mohammed Salem Omar Girmash** xehed li l-imputat kien tela’ fuq qabel ix-xhud u Hasan Khalif Germag. L-imputat niżel b’idejh fuq wara. F’idejh kellu qisha sikkina b’xafra qisha dik li jaqtgħu t-tapiti. Hasan talab lill-imputat ineħħi l-mus minn idejh iżda dan baqa’ jżommu f’idejh u tah waħda bih u ħarab. Id-daqqa saret fejn il-widna tax-xellug. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kulma sema’ kien dwar xi tletin Lira Maltin. L-imputat ma kienx qalilhom li ser jerġa’ jiġi meta ħareġ qabilhom mill-karozza u daħal ġewwa l-blokk. Huwa nnega li kellu xi ċintorin u għal mistoqsija mill-Qorti huwa wieġeb li ma jużax ċintorin għaliex hu rqiq u s-size tiegħu huwa eżatt. Huwa kkonferma li Hasan Khalifa Germag kien qala’ d-daqqa qabel ma kienu waslu t-tieni sular

10. It-**Tabiba Dr. Lisa Pullicino** xehdet li hi kienet eżaminat lil Hasan Khalifa Germag fit-3 ta' Ġunju 2005. Huwa kellu ferita miftuħa li għaddiet minn taħt ix-xedaq tax-xellug mill-parti t'isdel tal-widna u għal wara l-widna. Huwa kellu bżonn bejn wieħed u ieħor sbatax-il punt. Il-ferita ma kenitx tinvolvi l-parti fonda tal-wiċċ. Hasan Khalifa Germag kien milqut min taħt ix-xedaq tax-xellug.

11**. PS 839 Stephen Micallef** ikkonferma li l-inċident kien ġara f'Katrina Court Flat 10C imam fuq il-bieb kien hemm miktub 23 Triq il-Ħġejjeġ San Pawl il-Baħar. Kien hemm ammont ta' demm fuq il-bankina li tagħti minn Triq il-Ħatab għal Triq il-Ħġejjeġ. Biex daħlu fir-raba' sular kien hemm riħa qawwija qisha ta' demm. Huma kienu sabu lill-vittma b'ħafna demm ħiereġ min taħt geddumu u bil-flokk mimli dmija. Il-vittma kien qal li kien hemm Libjan li tlabu l-flus u ma riedx jagħtihomlu u dan il-Libjan kien xejjirlu xi daqqa ta' mus. Kien jidher ukoll li kien sar xi sforz biex id-demm jingħorok. L-istess xhud ippreżenta r-rapport a fol. 75.

12**. PS 914 Ivan Mifsud** għaraf l-Istqarrija, il-firma tiegħu, ta' l-Ispettur Cassar u ta' l-imputat. Qabel ma niżżlu lill-imputat isfel, dan kien qal li l-biċċa ma kenitx ser tieqaf hawn u titkompla l-Libja.

13**. Etienne Costantino** ikkonferma x'kien liebes l-imputat (fol.81). Kien ra lil tnejn min-nies jiġru wara l-imputat (fol. 83)

14. **L-Ispettur Therese Sciberras** xehdet li l-Maġistrat Dr.Miriam Hayman kienet infurmata b'dak li kien ġara u li l-Maġistrat kienet ħatret diversi esperti. Il-vittma kien qal li huwa kien ma' Mohammed Salem Omar Germash fil-pjazza ta' Buġibba u kienu avviċinati mill-imputat u qallhom biex imorru fil-flett tieħgu fi Triq il-Ħġejjeġ. Huma rikbu f'vann abjad misjuq minn Malti li l-identita' tiegħu baqgħet mhix magħrufa. Germash kien qla li Ashraf tela' jiġri fil-blokk tal-fletts, niżel isfel fil-komun u talab tletin lira Maltija. Malli l-vittma qallu 'Le', l-imputat ta' daqqa t'a blade ma' għonqu.

15**. Jeanette Grima tal-Weapons Office** xehdet li l-imputat m'għandux liċenzja biex iġorr arma.

16. **L-Ispettur Raymond Cassar** xehed li kien sab il-passaport Libjan ta' l-imputat bin-numru 286547 u ppreżentah.

17. **PS 964 Robert Scicluna, scene of the crime officer,** ġibed diversi ritratti u wieħed minnhom, 05 BNP 15, juri close up ta' wiċċ il-vittma bil-ferita kif deskritta.

18. **PS 602 Jonathan Attard** għamel tfittxijiet għal xi evidenza forensika u, skond ir-relazzjoni tiegħu, fol. 131 huwa eleva diversi dokumenti deskritti skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku kif ġej: 05 BVP 201 A/B Swab u control mill-pjan quddiem il-flat numru 10; 05 BVP 202 A/B swab u control mit-taraġ tal-komun f'Katrina Vourt, 05 BVP 203 A/B swab u control minn fuq il-ħajt tal-komun f'Katrina Court, 05 BVP 204 A/B Swab u control minn quddiem Katrina Court, 05 BVP 205 A/B swab minn fuq il-bankina, 05 BVP 206 A/B swab minn fuq il-bankina, 05 BVP 207 flokk lewn griż bit-tablee (L&G LAOSS) size XL elevat minn SLH u 05 BVP 208 flok ta' taħt lewn griż bit-tabllea (FATIH SUPER 30) elevat minn SLH.

19. **L-espert serologu Robert Cardona** ngħata d-dokumenti msemmija fil-paragrafu ta' qabel fl-14 ta' Ġunju 2005. Kif deskritt a fol.144 tal-proċess minn diversi dokumenti (05 BVP 201 A, 05 BVP 202A, 05 BVP 203 A, 05 BVP 202 B, 05 BVP 204 A, 05 BVP 205A u 05 BVP 206A) ngħata riżultat pożittiv għall-preżenza ta' demm ta' nisel uman. Analiżi aktar dettaljata għall-griupp ta' demm taw riżultat inkonklussiv. L-istess ġara fil-każ tad-dokumenti 05 BVP 207 u 05 BVP 208.

20**. Il-Perit Richard Aquilina** esebixxa l-pjanta ta' l-inċident kif ukoll il-ġabra tax-xhieda li kien sema' matul l-inkjesta. Hassan Khalifa kien qal li wieħed Ashraf kien ferieh f'wiċċu bil-mus taħt widnejh tax-xellug. Mohammed Salem kien xehed li Ashraf kien niżel minn fuq b'idejh wara u ħareġ (Stanley cutter) u biha darab lil Hasan wara

widnejh u ħarab. Il-midrub qal li Ashraf kien talbu jisilfu Lm30 u hu kien qal lil Ashraf li ma kellux flus.

21. Fil-parapett ta' quddiem Katrina Court kien hemm qabda taqtir ta' demm bejn id-daħla ta' Katrina Court u dan kien baqa' jdur il-kantuniera. Fil-parapett ta' quddiem Katrina Court kien hemm ħafna taqtir ta' demm xi wħud minnu mdaqqas. Fl-intrata kien hemm qabda taqtir ta' demm u kienjestendi fuq it-taraġ għal ġo żewġ sulari fejn kien hemm ukoll tiżliġ u titjir ta' demm fuq il-ħitan tat-taraġ f'għoli ta' ċirka metru 'l isfel. It-taqtir li kien hemm fuq il-bankina kien jindika movement mill-flat u wkoll lura.

22. Fl-14 ta' Frar 2004, l-Avukat Ġenerali bagħat dawn l-artikoli:

(a) fl-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 20, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikoli 2, 13, 19, 25, 26, 27 tal-Kap 66

**Xhieda difiża**

23. L-imputat xehed li meta wasal id-dar kien iltaqa' ma' Hasan u Omar (fol.177). Huwa qal li kien silef Lm30 lil Hasan Khalifa Germag meta dan ta' l-aħħar wasal Malta u kellu bżonn il-flus biex jikri flat.. Kien staqsieh kemm-il darba għal dawn il-flus iżda dan ma keinx tahomlu lura. Huwa qal li 'it-tnejn' kienu ser isawwtuh wieħede bl-injama u l-iħor biċ-ċintorin. Ma setax jiftakar min kien bl-injama iu min kien biċ-ċintorin. L-imputat qal li l-oħrajn kienu ser isawwtuh meta spiċaw jitkellmu. Huw aammetta lil kien mess lil Hasan b'sikkina (a fol. 180) u kien laqtu f'għonqu (180) għax, skond l-imputat, kien il-vittma li sawwtu qabel. (a fol. 180). L-imputat qal li Hasan Khalifa Germag kien laqtu f'idu bi njama. Fil-kontro-eżami l-imputat ikkonferma li Hasan Khalifa Germag kien qallu biex imur ikellem l-imgħallem biex jingħata l-flus. Huma kienu waslu l-post bl-istess karozza. Huwa kien daħal il-flat qabel ma daħlu Hasan u sieħbu. Fil-fatt qal 'Daħlu warajja.' (a fol.181).Huwa qal li kien tela'jiġri t-taraġ, ġab sikkina u niżel għal Hasan 'għax kienu ser isawwtuni.' Huwa kien tela' tliet sulari u niżel sular ieħor.

**Tratazzjoni**

24. **Il-Prosekuzzjoni** nsistiet li kollox kien beda dwar argument ta' self ta' flus. Issottomettiet li l-imputat telaq jiġri, ġab xafra u niżel it-taraġ u xejjer daqqa t'a xafra lejn għonq il-vittma li sofra ferita gravi. Wieħed irid jikkonsidra l-istrument li ntuża u l-parti tal-ġisem milquta. (Ara sentenza: Il-Pulizija versus Mariano Camilleri tat-8 ta' Frar 2002 Appell 208/2001). Fl-istqarrija l-imputat kien qal li ried il-flus at all costs. L-imputat ammetta li kellu x-xafra kemm fl-istqarrija kif ukoll quddiem il-Qorti u din ix-xafra ntużat biex jitwettaq ir-reat. Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li meta waslu fuq il-post ma raw ebda injama jew ċintorin. Fl-istqarrija l-imputat imkien ma jsemmi injuries. L-imputat ried jolqot lill-vittma fil-wiċċ. It-taraġ huwa dejjaq u m'hemmx minn fejn tista' tiżgiċċa. Ix-xafra kienet intremiet mill-imputat.

25**. Id-Difiża** nsistiet li l-imputat kien sellef il-flus lill-vittma xi tliet xhur qabel u l-vittma kien naqas li jroddhom lura. Waqt l-argument kien hemm ċerta rabja fl-imputat li me kienx qed jaħseb f'dak il-ħin. Ix-xafra kien ħallieha magħluqa u dan juri li l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jweġġa' lill-vittma. Kien hemm saħna tla-mument minħabba l-arguemtn u kien hemm reżistenza għax l-oħrajn kellhom l-injama u ċ-ċintorin. Din kienet kwistjoni ta' self-defence. Jista' jkun li din is-self-defence kienet waħda eċċessiva minħabb l-arma li ntużat. Huwa beża' li dawn kienu ser isawwtuh u l-imputat qatt ma kellu l-intenzjoni li jolqot lill-vittma f'għonqu.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

26. Fil-fehma tal-Qorti jirriżulta ampjament li kien hemm argument bejn il-vittma u l-imputat dwar Lm30 li l-imputat kien silef lill-vittma (u mhux viċi versa kif jidher mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina).

27. L-imputat jidher li rrabja li l-vittma naqas li jagħtih dawn il-flus għalkemm kien talbu għalihom b'insistenza. Fil-jum li ġara l-inċident jirriżulta mill-istqarrija ta' l-imputat

u mix-xhieda tiegħu stess li (a) l-imputat kien tela' fuq; (b) ħa xafra (crafts knife/ Stanley cutter) f'idejh; (ċ) waqt li kien laqa' daqqa ta' l-injama b'idu x-xellugija, l-imputat kien 'xejjer bix-xfar f'għonq il-vittma'; (d) wara rema x-xafra. Skond l-imputat innifsu huwa kien tela' għall-crafts knife/Stanley cutter u niżel għal Hasan.

28. Jirriżulta wkoll li l-ferita hija waħda gravi ai termini tal-liġi għax saret fl-għonq u lanqas hemm dubju li saret b'arma bil-ponta li kien qed iżomm f'idejh l-imputat. L-istqarrija ta' l-imputat weħidha hija biżżejjed iżda din hija kkorroborata b'dak li xehdu l-vittma u Mohammed Salem Omar Girmash. Għalhekk m'hemmx dubju li l-imputat darba f'għonqu lill-vittma b'xafra bil-ponta u għamillu ferita gravi skond kif iċ-ċertifikat it-tabib u kif definita ferita gravi fl-artikolu 216 tal-Kap 9.

29. L-imputat ma kellu ebda liċenzja biex iżomm tali arma kif jidher mid-depożizzjoni ta' Jeanette Grima tal-Weapons Office. (Artikolu 13 tal-Kap 66)

30. Dwar il-***mens rea*** d-difiża ssottomettiet li (a) kollox sar fis-saħna ta' l-argument (b) li l-imputat kien imbeżża' għax l-oħrajn kien ser isawwtuh u għalhekk ħtieġlu jiddefendi ruħu.

31. Il-Qorti mhix taqbel ma' din is-sottomissjoni. Jidher li l-imputat tela' jiġri fuq nett, sab ix-xafra li kellu bżonn u niżel isfel biex ixejjer ix-xafra f'għonq il-vittma. Aktar tard huwa qal lil wieħed mill-uffiċjali li din mhix ser tieqaf hawn iżda ser tkompli fil-Libja. Il-Qorti mhix konvinta li l-imputat kien qed isofri minn xi biża' sakemm huwa tela' fuq wara li ħalla ż-żewġ xhieda l-oħra ewlenin li kienu waslu miegħu fil-post. Il-ġirja għal fuq **qabel** turi d-determinazzjoni ta' l-imputat li jattakka lill-vittma għax dan ta' l-aħħar kien naqas li jroddlu l-flus li kien siliflu qabel. Lanqas jekk meta niżel, ix-xhieda l-oħrajn kellhom f'idejhom iċ-ċintorin u l-injama u l-imputat beża' minnhom. Kienet id-determinazzjoni tiegħu li jiffaċċja lill-vittma wiċċ imb'wiċċ li wasslet għat-twettiq tar-reat. Filfatt imkien ma jissemma li (a) **qabel** l-imputat tela' t-taraġ jew (b) fil-karozza l-vittma u Mohammed Salem Omar Girmash kienu armati b'xi

mod. Lanqas ma jirriżulta minn imkien li dawn kienu telgħin biex isawwtuh. Il-vittma fil-fatt innega li Mohammed kien neża' ċ-ċintorin biex jattakka lill-imputat u innega wkoll li hu jew Mohammed kellhom xi njama f'idejhom. Kien l-imputat li niżel irrabjat u armat biex jaffronta lill-vittma**. Fuq kollox, it-tip ta' arma użata hija prova ċara ta' l-intenzjoni ta' l-imputat li jwettaq ir-reat.**

32. Li kieku l-Qorti kellha ma taċċettax il-verżjoni tal-vittma u ta' Mohammed Salem Omar Girmash dwar il-preżenza taċ-ċintorin u ta' l-injama, xorta jibqa' l-fatt li l-imputat deher jieħu l-inizjattiva ta' l-attakk fiżiku qabel ma kien hemm l-iċken xamma ta' xi vjolenza fuqu. Mix-xhieda jirriżulta li sakemm il-persuni nvoluti kienu fil-karozza jissemma biss argument u xejn theddid.

33. Il-Qorti ma ssibx attendibbli l-verżjoni ta' biża' u ta' swat li qed jallega l-imputat. Mhix konvinta li dan kien każ ta' self defence jew ta' xi saħna ta' demm u ma ssib xejn fil-Liġi li jiskuża dan l-aġir. Il-Qorti fliet l-artikolu 230 (a)(b)(ċ)(d) li jirreferik għall-artikolu 227 biex teżamina jekk b'xi mod l-aġir ta' l-imputat kienx skużabbli. Mill-provi:

(a) Ma jirriżulta minn imkien li kien hemm ebda ferita gravi fuq l-imputat jew li kien qed jikkontolla xi sgass matul il-jum kif jitlob l-ewwel sub-inċiż;

(b) Ma jirriżulta minn imkien li dan kien xi reat ta' passjoni – bil-maqlub il-provi juru l-intenzjoni libera li wieħed iferi serjament;

(ċ) Il-ġlied fuq flus mhux reat kontra l-persuna kif jitlob is-subinċiż (ċ);

(d) Lanqas ma kien il-każ ta' eċċess ta' self-defence għaliex min jinżel bix-xafra minn fuq għal isfel mhux qed jaħrab mill-aggressur (jekk dan kien jeżisti) iżda qiegħed javviċinah armat u determinat li jattakkah;

(e) Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija versus Emily Zarb' (15 ta' Frar 1958):

**<u>'Fost l-elementi li huma meħtieġa biex tiġi akkordata l-iskriminanti tal-leġittima difeża hemm il-fattur ta' l-inevitabilita': u mingħajr il-konkors ta' dan il-fattur ma tistax tingħata dik l-iskużanti.'</u>**

Il-Qorti mhix tirraviża din l-inevitabilita' f'dan il-każ.

34. Ġaladarba ingħad dan kollu, il-Qorti ser teżmina l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali seriatim:

35. L-artikolu 214 jiddisponi li 'Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha diżordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.

36. L-Avukat Ġenerali għażel li ma jakkużax lill-imputat b'tentativ ta' omiċidju (li kienet tidher fl-ewwel imputazzjoni.) Il-Qorti ssib lill-imputat ħati tar-reat taħt l-artikolu 214 għaliex il-ferita li kkaġuna fuq il-vittma hija waħda serja, waħda fuq il-persuna u kien hemm l-intenzjoni biex issir din il-ferita gravi.

37. L-artikolu 215 jiddisponi li ferita tista' tkun gravi jew ħafifa. Fil-każ odjern il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' ksur ta' dan l-artikolu minħabba li kkaġuna ferita gravi

38. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem dwar offiża gravi jekk iġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż. Minħabba li l-imputat għamel tiċrita ta' 17-il ċentimetru f'għonq l-imputat il-Qorti qed isib lill-imputat ħati ta' dan ir-reat.

39. L-artikolu 217 jikkontempla offiża gravi b'arma regulari jew bi strument li jaqta' u jniggeż. Arma regulari hija definita fl-artikolu 64 tal-Kap 9. Fil-każ odjern jidher li saret offiża gravi waqt li **ntużat xafra li taqta'**. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' dan ir-reat taħt l-artikolu msemmi.

40. L-artikolu 218 huwa dwar offiża gravi li tista' ġġib sfreġju permanenti fl-għonq, fil-wiċċ jew f'waħda mill-idejn.

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li din il-ferita gravi hija permanenti u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull ħtija taħt dan l-artikolu.

41. Il-Qorti ma jidhrilhiex li japplikaw l-artikolu 20 u 23. B'mod partikolari l-Qorti ma tistax tikkonfiska corpus delicti li ma nstabx.

42. Il-Qorti lanqas ma ser tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għax l-esperti kienu tqabbdu waqt l-inkjesta u ma kinux għadhom daħlu fis-seħħ l-emendi l-ġodda meta twettaq ir-reat. Il-ħlas ta' l-esperti huwa parti mill-piena u għaldaqstant il-Qorti mhix ser tapplika piena li ma kenitx daħlet fis-seħħ.

43. Imbagħad l-Avukat Ġenerali irrefera għall-artikoli tal-Kap 66.

44. L-artikolu jagħti d-definizzjoni ta' arms-proper bħala dik li nsibu fil-Kap 9.

45. L-artikolu 13 jirreferi għall-pussess mingħajr liċenzja ta' skieken ta' kull deskrizzjoni li għandhom blade bil-ponta jew kull strument ieħor bil-ponta. Il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' ksur ta' dan l-artikolu għax 'ex admissis' u kif rawh ix-xhieda l-oħra l-imputat kellu xafra u attakka lill-vitma biha.

46. L-artikolu 19 huwa dwar il-konfiska ta' l-arma f'każ ta' ħtija. Il-Qorti, għal raġunijiet diġa' esposti ma tistax tapplika dan l-artikolu.

47. L-artikolu 25(1)(b) jirreferi għall-flick knives, gravity knife jew knuckle dusters. Quddiem il-Qorti ma nġabet ebda prova li Stanley Cutter (kif deskritta mill-Perit Richard Aquilina) taqa' xi waħda minn dawn il-kategoriji. Fil-fatt id-dizzjunarju jiddefinixxi Stanley Cutter bħala 'a small knife with a very sharp blade that you can replace, used for cutting wood, cardboard etc.' (Ara: Macmillan English Dictionery 2006). Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat min xi ħtija taħt dan l-artikolu.

48. L-artikolu 26 jirreferi għall-użu ta' arms proper f'xi reat kontra l-persuna. Il-Qorti hija aktar konvinta li ntuża strument bil-ponta (element fl-artikolu 217) milli li kien hemm użu ta' 'arms proper'. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull ħtija taħt dan l-artikolu.

49. L-artikolu 27 tal-Kap 66 jgħid li ma jistgħux ikunu applikati l-Probation Act u l-artikolu 21 tal-Kap 9.

50. L-artikoli mogħtija jkopru t-tieni u t-tielet imputazzjoni (u din il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet) waqt li artikoli dwar reat ta' offiża gravi prattikament ħadu post l-ewwel imputazzjoni (li kienet tentattiv ta' qtil). Il-Qorti sabet ħtija kif deskrit aktar iil fuq dwar offiża ta' ferita gravi bi strument bil-ponta iżda mhux ta' tentattiv ta' qtil.

51. Il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 2, 13, 19, 25, 26 u 27 tal-Kap 66

(a) issib lill-imputat ħati tar-reati kkontemplati fl-artikoli 214, 215, 217 tal-kap 9 kif ukoll tar-reati kkontemplati taħt l-artikolu 13 tal-Kap 66;

(b) qed tilliberah minn kull ħtija taħt l-artikolu 218 tal-kap9 u taħt l-artikolu 2, 25(1)(b) u 26 tal-Kap 66,

(ċ) u mhix qed tapplika l-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 19 u 27 tal-Kap 66.

52. Dwar il-piena, din il-Qorti qed tqis il-gravita' tas-sitwazzjoni. Infatti, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija verus Mariano sive Mario Camilleri' (8 ta' Frar 2002) kienet ikkummentat hekk:

'Jekk l-ewwel qorti ppekkat fir-rigward tal-piena, dan kien fis-sens li f'dan il-każ kienet aktar indikata l-piena b'effett ta' priġunerija b'effett immedjat.'

53. Dan il-kliem intqal meta l-akkuża kienet ta' tentattiv ta' offiża ta' natura gravi. Fil-każ odjern ir-reat mhux ta'

tentattiv iżda ta' wieħed li twettaq u li fih intużat xafra li taqta'.

54. Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli msemmija diga' kif ukoll l-artikolu 17(b) u (h) tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' tletin (30) xahar li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat diġa' għadda taħt kustodja preventiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------